MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

ID-DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 20/2025-9**

**It-Tlieta, 23 ta' Settembru 2025**

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fit-3.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Baskal Saliba – Sindku
Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku
Dr Marlene Cini – Kunsilliera
Is-Sur Mario Portelli - Kunsillier
Is-Sur Nicky Saliba – Kunsillier

**PREŻENTI b'mod virtwali:**

N/A

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

N/A

**ASSENTI:**

N/A

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sna Odette Camilleri - Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Baskal Saliba.

20.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

20.1.1 Kulħadd kien preżenti għal din il-laqgħa.

20.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

20.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa nru. 18/2025-9 u 19/2025-9 ġew ċirkulati minn qabel dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

20.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm mill-minuti.

20.2.3 Ma kinx hemm korrezzjonijiet għalhekk Minuti nru. 18/2025-9 u 19/2025-9 ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

20.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

20.3.1 Is-Sindku rringrazzja lil Mons. Gwann Sultana għal ħidma tiegħu li serva bħala Arċipriet f'din il-lokalita' u feraħ lil Arċipriet il-ġdid Dun Michael Said u wiegħed li l-Kunsill ser ikompli jagħti s-sapport tiegħu.

20.3.2 Is-Sindku nforma lil membri li tranġat il-ħadida ta' l-Għazziela li hemm fi Pjazza l-Assunta.

20.3.2 Is-Sindku propona u l-membri qablu li l-Kunsill għandu jagħti *token* lit-tfal waqt il-quddiesa tal-Ħadd u *mascot* waqt id-dħul tat-tfal fl-ewwel ġurnata ta' l-iskola.

20.3.3 Rigward l-inawgurazzjoni taz-zewġ proġetti li saru fil-Qbajjar Promenade, s-Sindku nforma lil membri li l-Ministru Byron Camilleri diġà għamel visita' fuq il-post, għalhekk propona sabiex l-inawgurazzjoni uffiċċjali ssir nhar il-10 t'Ottubru 2025 billi l-Kunsill ma kellu ebda risposta mis-Segretarju Parlamentari Alison Zerafa Civelli fuq l-inawgurazzjoni. Il-membri qablu.

20.3.4 Is-Sindku nforma lil membri li wara li l-Kunsill applika għal fondi Kulturali sabiex jerġa jiġi organizzat il-Valley of Fears, il-Kunsill ġie mgħoti €750. Il-membri qablu li dan għandu jerġa jiġi organizzat nhar is-Sibt, 25 t'Ottubru 2025.

20.3.5 Rigward l-istedina minn Maletto fi Sqallija li l-Kunsill għandu mis-17 sas-19 t'Ottubru 2025, is-Sindku propona li l-Kunsill jistieden lil Viċi Arċipriet, Mons Gwann Sultana għal din iz-zjara. Il-membri qablu.

20.3.6 Is-Sindku propona u l-membri qablu li jiġi mħejji disinn għat-tieni fażi tat-tisbiħ tar-raħal. Il-Perit tal-Kunsill għandu jħejji disinn mis-salib tad-dejma sal-Kazin tal-Banda u il-finanzjament għal dan il-proġett jittieħed mid-DPF Funds.

20.3.7 Is-Sindku propona u l-membri qablu sabiex isiru *banners* għaz-Zebbuġ Rovers FC minħabba l-logħba tal-finali li ser issir fid-9 t'Ottubru 2025.

20.3.8 Is-Sindku nforma lil membri li l-GAGF ħarġu fondi fuq il-gastronomija. Kompla jgħid li s-Sur Marnol Sultana qed iħejji din l-applikazzjoni, liema applikazzjoni trid tiġi sottomessa sa' l-aħħar t'Ottubru.

20.3.9 Is-Sindku talab sabiex jiżdiedu/jinbidlu l-bozzoz ta' Triq id-Duluri. Il-membri qablu.

## 20.4 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera

20.4.1 *Komunikazzjoni mill-Viċi Sindku, Daniel Cordina*

20.4.1.1 Il-Viċi Sindku propona u l-membri qablu sabiex taħt it-triq taz-Zebbuġ l-isfel minn Ġnien iz-Zebbuġ jiġi mnaddaf u l-Kunsill juża dawn id-daħliet bħala store/garaxxijiet. Qablu wkoll li għandhom jinġabru l-kwotazzjonijiet neċessarji.

20.4.1.2 Ġibed l-attenzjoni sabiex bl-aktar mod immedjat terġa tinġibed l-attenzjoni tal-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar biex titranġa il-parti ta' Triq Għajn Mhelhel li qed iċċedi.

20.4.1.3 Ġibed l-attenzjoni wkoll għar-rock bolting ta' Triq ta' Ċenċ. Is-Seg. Ezekuttiv infurmatu illi tkellmet mar-Road Construction fuq l-asfaltar ta' Triq il-Ponta fejn dan infurmha illi fil-viċin qarib ser ikun qed jitla' jagħmel ir-rock bolting u kif ikollu l-inġenji z-Zebbuġ jasfalta wkoll it-triq.

20.4.1.4 Talab sabiex jitranġa l-ħajt fi Triq iz-Zebbuġ peress li xi ħadd seraq il-ġebel. Il-membri qablu.

20.4.1.5 Talab sabiex Triq ta' Milied tingħata l-konkos. Il-membri qablu li ssir talba mal-Gozo LC Works. Il-Kunsilliera Marlene Cini astjeniet minn din id-deċiżjoni.

20.4.1.6 Rigward it-3 parkeġġi riservati għas-sajjieda talab sabiex minflok fil-Menqa jiġu riservati fi Triq l-Isqof Pace. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jitlob il-veduti ta' Transport Malta f'dan ir-rigward.

20.4.2 *Komunikazzjoni mill-Kunsilliera Dott. Marlene Cini*

20.4.2.1 Il-Kunsilliera Dott Cini proponiet u l-membri qablu sabiex tiżdied bozza fil-pjazzetta li hemm fi Triq Għajn Mhelhel.

20.4.2.2 Talbet sabiex il-bozza tat-triq li kienet waqgħet fi Triq l-Imgħallem terġa teħel mill-aktar fis possibbli minħabba l-perikolu. Is-Seg. Ezekuttiv infurmatha illi għandha l-qorti fi Frar 2026 f'dan ir-rigward. Billi dawn il-bozzoz jaqgħu taħt ir-Reġjun t'Għawdex, Dott Cini infurmatha sabiex tinforma lil qorti li l-Kunsill mhux il-legittimu kuntradittur.

20.4.2.3 Il-Kunsilliera Dott Marlene Cini proponiet u l-membri qablu sabiex tingħata kinsa tajba il-Wied ta' Marsalforn.

20.4.2.4 Proponiet u l-membri qablu sabiex issir attivita' ta' qari u crafts fiz-Zebbuġ Branch Library nhar l-4 ta' Novembru 2025.

20.4.2.5 Talbet sabiex Triq il-Qbajjar tibqa' *one way.* Il-membri qablu diġà f'laqgħa preċedenti ma din id-deċizjoni.

20.4.3 *Komunikazzjoni mill-Kunsillier Mario Portelli*

20.4.3.1 Il-Kunsillier Mario Portelli informa lil membri li l-Crystal Palace qed ibiegħ imwejjed minn dawk it-twal li jistgħu jintużaw għal attivitajiet. Il-membri qablu li jinxtraw 10 oħra.

20.4.3.2 Propona u l-membri qablu sabiex jinqata' daqs metru miċ-ċint ta' quddiem Ħal Sagħtrija Complex peress li kull karozza li tgħaddi minn hemm qed tagħmel il-ħsara.

20.4.3.3 Talab sabiex teħel tabella 'Tarmix Zibel' qabel ma taqbad in-nizla għal Bajja ta' Taħt ix-Xifer. Il-membri qablu.

20.4.3.4 Talab sabiex tintbgħat tfakkira lil Perit tal-Kunsill sabiex jagħmel visita fi Sqaq fi Triq l-Għazziela minħabba l-problema ta' l-ilma.

20.4.4 *Kommunikazzjoni mill-Kunsillier Nicky Saliba*

20.4.4.1 Il-Kunsillier Nicky Saliba talab sabiex teħel floodlight faċċata tal-'Hotshots' fi Triq il-Wied peress li hemm ħafna dlam. Il-membri qablu.

20.4.4.2 Peress li qed jitħammel il-Wied tas-Salve Reġina mill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar propona u l-membri qablu sabiex il-Kunsill jagħmel talba biex jiżdiedu l-*crash barriers* minħabba li issa ġiet perikoluża.

20.4.4.3 Talab sabiex jinqata' l-ħaxix fi Triq Wied l-Abjad peress li l-bdiewa qed isibu diffikulta' sabiex jgħaddu għal egħlieqi tagħhom. Il-membri qablu li dan ix-xogħol għandu jsir mill-ħaddiema tal-Kunsill

20.5 Risposta tal-*Management Letter*

L-Accountant tal-Kunsill ingħaqad mal-kamra permess ta' kollegament telefoniku sabiex jagħti spjegazzjoni tar-risposta tal-*management letter* li ġiet imħejjija. Il-membri qablu ma din ir-risposta. Qablu wkoll sabiex issir talba għal laqgħa mal-Ministru Owen Bonnici u s-Segretarju Parlamentari Alison Zerafa Civelli minħabba in-nuqqas ta' allokazzjoni li ġie mgħoti l-Kunsill.

20.6 Materji Oħra

20.6.1 Is-Seg. Ezekuttiv ressqet korrispondenza mill-ħaddiema klerikali għal akkumulazzjoni ta' *Vacation Leave* għas-sena 2026.
O.Camilleri – 112 siegħa
L. Zammit Borg – 58.25 siegħa
J. Sultana – 70 siegħa
R. Attard – 62.75 siegħa
F. Cefai – 100.75 siegħa
D. Azzopardi – 87.5 siegħa
Il-membri qablu li dawn jiġu mġedda.

20.6.2 Talba mis-CPT sabiex jinzebgħu fl-art sinjali 'dead slow' fi Triq Għar Qawqla u jiżdiedu 2 bozzoz tat-triq fi Triq ir-Rabat, waħda maġenb id-diving faċċata ta' Marsalforn Hotel u l-oħra qrib Tritons Court. Il-membri qablu li ssir talba fuq il-Gozo LC Works.

20.6.3 Is-Seg. Ezekuttiv infurmat lil membri li l-Kunsill irċieva ittra rreġistrata mill-Qorti f'isem Projekte minħabba l-bilanċ pendenti li baqa' jieħu dan il-kuntrattur fuq il-West End Playing Field. Kompliet tgħid li l-Kunsill bgħat risposta lura permezz ta' ittra preżentata fil-Qorti t'Għawdex fejn dan il-Kuntrattur ġie nfurmat bil-ħsara u sadid li hemm f'bandli li twaħħlu ftit iktar minn sena ilu. Il-Kunsillier Nicky Saliba talab sabiex jitwaħħlu imqar 2 bankijiet fejn kien hemm il-Bandli tal-Virtut. Is-Sindku nfurmah illi ma twaħħlux bankijiet biex ma jimbaraxx il-membrane u li l-Kunsill applika għal fondi tad-DLG sabiex isiru bandli ġodda.

20.6.4 Rigward l-espressjoni ta' nteress li ħareġ il-Kunsill għal persuna li tieħu ħsieb is-Sub Post Office tagħlaq il-Gimgħa, 26 ta' Settembru 2025. Qablu li l-Bord għandu jkun magħmul mis-Sindku, il-Kunsilliera Dott Marlene Cini u s-Segretarju Ezekuttiv.

20.6.5 Talba mill-SPCA sabiex il-Kunsill jipparteċipa sabiex r-residenti jiċċippjaw b'xejn il-klieb u l-qtates. Il-membri qablu.

20.6.6 Ilment M/15/25 – Talba sabiex titranġa rampa li hemm fi Triq Wied l-infern fil-parti li hija l-eqreb lejn iz-Zebbuġ. Il-Kunsillier Nicky Saliba qal li din ir-rampa tqetgħet wara li saret it-triq mill-ħajt il-barra. Il-membri qablu li għandha tinġabar kwotazzjoni biex isir dan ix-xogħol.

20.6.7 Korrispondenza minn TM rigward *personalized disabled parking bay* fi Triq Barda li ma ġietx aċċettata. Il-membri ħadu nota tal-kontenut.

20.6.8 Talba mingħand Jennifer Bonello sabiex terġa torganizza fitness u yoga pilates classes bejn Ottubru u Diċembru 2025. Il-membri qablu.

20.6.9 Talba minn sid il-Vista Point li qed jinbena fi Triq il-Forn fejn talab għal *no objection* sabiex ikun jista' jagħmel rampa bħala aċċess għal persuni b'dizabilita' fil-parti fejn ħa tkun *pedestrian.* Il-membri qablu sakemm is-sid għandu l-permessi meħtieġa.

20.6.10 Wara li tlesta t-tindif ta' Għajn Quċċat, ġie propost li l-post jingħata kisja ta' siment sabiex tittejjeb l-istat tiegħu. Il-Kunsillier Nicky Saliba astjena minn din id-deċiżjoni. Il-Kunsilliera Marlene Cini talbet sabiex il-Perit tal-Kunsill jagħmel site visit fuq il-post qabel tittieħed deċiżjoni finali. Il-laqgħa ġiet sospiża sabiex is-suġġett ikun jista' jiġi diskuss b'mod aktar dettaljat. Kien hemm qbil li l-Perit jattendi fuq il-post sabiex jiggwida dan il-proċess.

20.6.12 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li Taċ-Ċaqra ġiet imnaddfa u hemm bżonn ftit siment mal-ġnub ħalli ma joqgħodx jaqa' l-ħamrija fit-triq. Il-Viċi Sindku propona sabiex hemm jitwaħħlu 2 bankijiet u jitħawwlu ftit kaktus. Il-membri qablu.

20.6.13 Talba mingħand residenti sabiex titnaddaf it-triq ta' fejn is-*salt pans.* Il-membri qablu li issir talba fuq il-Gozo LC Works.

20.6.14 Talba sabiex isir ftit patching fi Triq ta' Ċenċ. Il-membri qablu.

20.6.15 Ilment Z/12/25 talba għal single yellow line faċċata ta' garaxx għax qed jipparkjaw bil-konsegwenza li ma tkunx tista' ddaħħal il-karozza. Il-membri ma qablux peress li ma għandhiex permess minn sid il-binja fejn qed titlob li jsiru il-yellow lines.

20.6.16 Talba sabiex jitkompla jinbena l-ħajt fi Triq ta' Milied. Il-Kunsilliera Marlene Cini astjeniet minn din id-deċizjoni. Il-membri qablu u li jinġabru l-kwotazzjonijiet għal dan ix-xogħol.

20.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 15/2025 għall-perjodu ta' Settembru 2025 li tammonta għal €81,067.26 ġiet approvata mill-membri preżenti .

20.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-5.00 ta' filgħaxija. Id-data tas-seduta li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 21 t'Ottubru 2025 fil-4.00 ta' filgħaxija.

Baskal Saliba
Sindku

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv